MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2013

Numru. 17/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Agius)**

**vs**

**Robert Dimech ta’ 41 sena, iben Emanuel u Rita nee` Saliba, imwieled Pieta` fis-6 t’Ottubru 1971 detentur tal-karta ta’ l-identita` nru 0440171M u residenti Blk C5, Flt 5, Triq it-Taqtigha, Zebbug/Nru 43, Triq San Guzepp, Qormi.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli bejn l-1 ta’ Novembru 2012 u l-15 ta’ Novembru 2012, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b’rizoluzzjoni wahda:

1. b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqeda b’qerq ihor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intaprizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika , ghamel qligh b’qerq ta’ €2430, ghad-dannu ta’ Robert Cilia, Eric Cortis, u ta’ l-HSBC Bank Malta plc;
2. u aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi, ghamel fasifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe` cekkijiet tal-HSBC Bank Malta plc., li jippartjenu lil Eric Cortis, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjoniiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skrituri wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, kif ukoll talli xjentement ghamel uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza;

3. u aktar talli f’Haz-Zebbug matul ix-xahar ta’ Ottubru u Novembru 2010 ikkommetta serq ta’ hames cheques li jgibu in-numri 000826, 000836, 000839, 000850 u 000835 tal-HSBC Bank Malta plc., li jippartjenu lil Eric Cortis, liema serq sar ghad-dannu tal-istess HSBC Bank Malta plc., u ta’ Eric Cortis, li ma jaqbizx l-ghaxar euro.

4. akkuzat talli huwa recidiv b’sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati datati 25/05/2012 Mag Dr. S. Demicoli LL.D, u tal-21/06/2012 Dr. A.G. Vella u li kiser il-kundizzjoni ta’ sentenza ta’ Habs sospiza ghal erba snin tal-istess sentenza tal-25/05/2012.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunses tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, izda l-Qorti ma tistax tinjora l-fatt illi l-imputat huwa recidiv u jinsab prezentament inkarcerat fuq akkuzi simili.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikolu 308, 310(1)(a), 183, 284, 285, 49 u 50 u 28B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal sena prigunerija.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor dan il-perjodu ta' liberta taht kondizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------